Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 314/2011

Il-Pulizija
Vs
Anna Cassar

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta’ April, 2011, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Raymond Cassar ghal-uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Gunju, 2011 fejn wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil imputata hatja u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2011 fejn tablet lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellate in kwantu l-appellanti nstabet hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u tilliberha minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventwalita` illi l-Qorti ssib htija, tirriformha kwantu ghal-piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi ghas-segwenti ragunijiet:

L-artikolu relevant tal-Kodici Kriminali li tieghu l-appellanti nstabet hatja jghid testwalent hekk fit-test Ingliz *when ordered by a court or bound by contract to allow access to a child in his or her custody, refuses without just cause to give such access.* L-elementi tar-reat in dizamina u li jridu jigi pruvati mill-prosekuzjoni sal-grad rikjest mil-ligi f' kawzi kriminali huma tlieta u cioe': a. Illi l-esponenti ghandha l-kustodja tat-tifel, b. Illi l-esponenti hija marbuta b'kuntratt, jew b'ordni ta' Qorti, c. Illi l-esponenti rrifjutat li taghti access lil zewgha ta' binha minghajr raguni gusta.
Illi l-kuntratt tas-separazzjoni tat-13 ta' Lulju, 2007 jistipula fi klawsola numru tlieta (3) illi l-esponenti ghandha l-kura u l-kustodja tat-tifel taghha Daniel li fil-1 ta' Novembru, 2007 jaghlaq sbatax (17) il-sena. Klawsola 3 (a) imbghad jistipula l-modalita` ta' l-access. Sahansitra l-artikolu 3 (c) jistipula illi li *f'kaz ghal xi raguni valida t-tifel minuri ma jkunx jista` jzur lil missieru fil-granet ta' l-access ghandhom safejn ikun ragjonevolment possibbli jigu sostitwiti bi granet ohra bi ftehim bejn il-partijiet, b'dan pero` li jekk il-gurnata ta' access ghall-minuri hi lejlet xi ezami tal-minuri, dik il-gurnata ma tigix sostitwita b'ohra.*

Illi l-ewwel zewg elementi tar-reat jirrizultaw ampjament mill-kuntratt tas-separazzjoni esebit in atti. Jibqa` pero` it-tielet u l-ahhar elemt x'jigi ppruvat u cioe` jekk l-appellanti rrifjutat li taghti lil zewgha Raymond Cassar access ta'

binhom ta' sittax il-sena u li se jkollu 17 il-sena fl-1 ta' Novembru, 2011 u dan minghajr raguni gusta.

Mid-depozizzjonijiet li taw l-appellanti u binha Daniel quddiem l-ewwel Qorti irrizult illi l-minuri li dak iz-zmien kellu sittax il-sena, minhabba r-relazzjoni xejn tajba ma missieru u minhabba li pprefera jistudja peress li huwa sixth former fil-Kullegg De La Salle ghazel li ma jmurx fil-gurnata indikata. Hawn si tratta ta' guvni sixth former, indipendenti sa certu punt, jircievi stipendju sabiex ma jibqax jiddependi minn ommu u missieru, u mhux si tratta ta' tifel ta' hames snin. Guvni ta' sittax jew sbatax il-sena li jiddeciedi ma jezercitax l-access ghal ragunijiet ovvji, mhux gust li tiehu l-kolpa l-omm ghaliex ma haditux ghand missieru. Guvintur ta' sittax jew sbatax il sena huma llum ferm indipendenti u ma tistax tindahlilhom f' hajjithom. Kieku l-guvni ried verament imur jara lil missieru seta` ghamel hekk jew billi talab lil ommu twasslu jew lil zitu Myriam Busuttil kif solitu ghamlet jew kien jaqbad il-karozza tal-linja u jmur jara lil missieru. Minn imkien ma rrizulta li l-esponenti zammitu minn idu biex ma jmurx jara lil missieru jew b'xi mod ostakolat l-access. Li Daniel ma marx jara lil missieru kienet l-ghazla libera tieghu. X'setghet taghmel l-omm wiehed jistaqsi f'cirkostanzi konsimili, taqbad guvni ta' sittax il-sena minn xaghru u ddahhlu gol-karozza taghha u tikkonsenjah lil missieru? Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, il-Qorti ma ghamlitx differenza bejn minuri ta' hames snin u guvni ta' sittax il-sena u nofs.

L-ewwel Qorti skartat l-ghazla libera ta' l-iben li ma jzurx lil missieru fil-gurnat indikata u erronjament interpretat in-nuqqas ta' l-access bhala att kriminali kommess mill-omm billi rrifjutat li ma taghtix access lill-missier ghal raguni valida fil-ligi. Wiehed ikun qieghed jumilja tifel ta' sittax il-sena u nofs li ghandu element qawwi ta' maturita` u edukazzjoni, kif ukoll diskrezzjoni fil-gudizzju tieghu li ggeghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu. F' xenarju tipiku, tifel ta' sittax/sbatax il-sena jekk irid jara lil missieru se jsib il-mezz tieghu kif jaghmel dan minkella l-oppozizzjoni ta' ommu jekk ikun il-kaz, u ta' dik l-eta` gubni jista facilment jaghzel li jmur jghix mal-genitur l-

iehor jekk ma jkunx qighed jaqbel jew qieghed jiddejjaq jghix mal-genitur li tieghu jkollu l-kustodja, haga li l-minuri Daniel ma ghamilx. Ma kienx gust li l-ewwel Qorti addebitat il-htija lill-omm ghall-ghazla libera ta' l-iben. Bid-dovut rispett, il-kontroll li omm tista` tezercita fuq binha ta' hames snin huwa differenti mill-kontroll li tista` tezercita fuq guvni ta' sittax il-sena u nofs.

Illi l-ewwel Qorti skartat ukoll il-fatt li kienet ghaddejja medjazzjoni bejn il-partijiet a rigward l-access tal-minuri Daniel u fil-fatt kien sar ftehim quddiem il-medjatur Godwin Genoveze illi mix-xahar ta' Dicembru, 2010 sax-xahar ta' Frar, 2011, l-access thalla fid-diskrezzjoni assoluta tal-minuri kif u meta jigi ezercitat l-access. Il-medjatur kien irrimarka illi l-minuri kellu jigi trattatt ta' persuna matura u li kellu jiddeciedi wahdu. Il-minuri ddecieda kif iddecieda u d-decizjoni tieghu ghandha tigi rispettata.

Illi ta' min isemmi wkoll il-fatt illi l-ittra pprezentata fl-atti fejn il-firmatarji taghha kien Raymond Cassar (il-missier) u Daniel Cassar (il-minuri) li tirreferi ghal-hinijiet bla limitu u bla restrizzjonijiet, turi bic-car kemm il-missier kien qieghed jifhem li ta' dik l-eta` il-hinijiet stipulate fil-kuntratt ma kienux qeghdin jahdmu. Minkejja l-ftehim, il-minuri xorta ghazel li l-access ma jezercitahx, (hlief ghall-25 ta' Dicembru, 2010, fejn inqala` incident) u ghaliex il-minuri ma ezercitax l-access, il-missier konvenjentement, skarta dak il-ftehim li ffirma hu stess ma' ibnu, u rega` rrezuxxita l-hinijiet tal-kuntratt u ghamel kwerela ghall-granet indikati fejn l-access ma giex ezercitat.

Illi gialadarba ma giex ippruvat illi l-appellanti ostakolat l-access hi kellha tigi liberate mill-imputazzjoni.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellanta u r-ragel taghha Raymond Cassar ilhom separati minn 1994, pero' permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Lulju, 2007 il-partijiet irregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejnithom fejn ghal dak li jirrigwardja l-ulied gie miftiehem illi l-kura u kustodja tat-

tifel minuri Daniel tigi fdata f'idejn il-mara, b'dana illi r-ragel ikollu dritt ta' access ghall-istess minuri fi granet u hinijiet indikati fl-istess kuntratt, liema hinijiet jistghu jigu varjati tul il-btajjel tas-sajf tat-tifel bi qbil bejn il-partijiet. Jidher illi t-tifel ma ntbghatx lil missieru sabiex jarah fil-granet indikat fic-citazzjoni u ghalhekk saret din il-kawza fuq rapport ta' l-istess Raymond Cassar. Dana xehed quddiem din il-Qorti u qal illi dejjem kien bil-problemi ma martu sabiex ikun jista jara t-tifel, gie li dam aktar min sitt (6) xhur ma jarah. F'dawk l-okkazjonijiet indikati fil-komparixxi t-tifel baqa' ma giex u lanqas ma seta' jikkomunika mieghu. Il-mara titratta mat-tifel bhal li kieku huwa taghha biss u tibghatu meta trid hi u meta tkun komda hi. Fil-25 ta' Dicembru suppost it-tifel kellu jkun ma missieru, biex rah kellu jdahhal il-pulizija ghax kien ilu ma jarah xi sitt (6) xhur, dak iz-zmien diga kellu sittax (16) il-sena u llum fil-mori ta'dan l-appell ser jaghlaq tmintax (18) il-sena dalwaqt.

Il-kundizzjonijiet tal-kuntratt qatt ma gew mibdula, fil-fatt saru proceduri quddiem il-medjatur fuq talba tal-mara, pero' peress illi ma bidietx tidher quddiem il-medjatur dan waqqaf il-proceduri. Raymond Cassar qal li fil-kuntratt hemm eccezzjoni fis-sens illi meta t-tifel ikollu l-ezamijiet ghallura f'dan il-kaz l-access ghal missieru jkun limitat, pero' l-appellanta qieghda tuza din bhala skuza biex ma tibghatx it-tifel anke meta jkollu biss test.

Minn naha l-ohra Anne Cassar l-appellanta filwaqt illi kkonfermat illi l-minuri Daniel huwa t-tifel taghha qalet li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt dejjem osservathom u ma baghatitx it-tifel biss meta kellu xi ezamijiet. Qalet li t-tifel qisu jibza hafna, kien hemm okkazjonijiet meta nbidlu l-granet bi ftehim izda r-ragel taghha xi kulltant jestendi l-hinijiet tal-visiti, kien hemm ukoll xi hinijiet jew granet meta t-tifel stess ghazel li ma jmurx. L-appellanta argumentat li fil-verita dawn il-kawzi huma rizultat ta' pika mill-missier, hija haga zvinturata 'l ghaliex izzid il-problemi tas-separazzjoni. Skont il-kuntratt hemm il-possibililita illi l-access jigi varjat f'certi cirkostanzi u dan qed jintuza minn naha tar-ragel biex itawwal il-hinijiet b'mod esagerat. Fi kwalunkwe kaz il-minuri Daniel ser jaghlaq tmintax (18) il-

sena fil-futur vicin u tikkonsidra tliet (3) xhur habs hu esegarat ghal dawn ic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat.

Il-fatti jidhru illi huma pacifici, huwa minnu illi l-appellanta kellha l-kura u kustodja tat-tifel minuri Daniel permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni f'liema kuntratt hemm espressament imnizzel il-modalita ta' l-access ghal missier. Bhal ma jigri dejjem biex ma jkunx hemm rigidita minghar kompromessi l-istess kuntratt jaghti possibilta illi l-access jigi varjat f'certa cirkostanzi u wkoll jigi negat fiz-zmien illi t-tifel ikollu l-ezamijiet. Jidher pero' illi din is-sistema ma tantx hadment bejn il-partijiet u l-appellanta ghal zmien indikat fic-citazzjoni ma baghatitx it-tifel ghand il-missier. L-iskuza taghha hija illi r-ragel gieli jtawwal l-access b'mod esagerat, fi kwalunkwe kaz kien hemm xi okkazjonijiet meta t-tifel stess ma riedx imru.
Bir-rispett din il-Qorti tqis illi din hija raguni verament fjakka u ma tistax teskludi illi l-appellanta kienet qieghda timpika mar-ragel taghha u tiehu kull okkazjoni u skuza anke meta mhux gustifikat sabiex ma tibghatx lit-tifel ghand missieru. Zgur illi l-karattru tal-genituri ma ghenx sabiex din il-problema tigi mtaffija, hija haga tal-misthija kif separazzjoni illi bdiet fin-1994 kellha tistenna sat-2007 sabiex tigi definittivament kompjuza b'kuntratt bejnithom! U anke hawn il-problemi ma waqfux biex baqghu sejrin sakemm il-minuri effettivament ikun ghalaq it-tmintax (18) il-sena, f'liema kaz imbaghad jaqbad u jiddeciedi hu fejn u kif irid imur. Ma hemmx dubju illi hawnhekk il-partijiet urew immaturita kbira fil-konfront ta' binhom fejn hallew l-emozzjonijiet u l-interessi personali jirkbu l-interess tal-wild, ghad irridu naraw fil-furtur dan il-kompartament irresponsabli tal-genituri kif se jaffettwa t-tifel taghhom. Hi x'inhi din il-Qorti ghandha biss din il-kawza quddiemha u ma tistax tmur oltre t-termini ta' l-istess kawza, ghalhekk din il-Qorti issib illi fuq il-provi illi kellha quddimha l-ewwel Qorti dina setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwrdja l-piena, l-principju regolatur hu illi mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi. F'dan il-kaz dana mhuwiex mess in dubju, l-piena nflitta tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ghalhekk anke hawn mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------